MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 2/1994/3

**Salvu u Flavia konjuġi Cassar kemm f'isimhom proprju u kemm bħala leġittimi rappreżentanti ta' binhom minuri Claudio Cassar, u b'nota tad-9 ta' Frar 1995 Claudio Cassar assuma l-atti f'ismu proprju fil-kawża, stante li sar maġġorenni**
***v.***
**Paul Cardona u Carmel Cascun għan-nom u in rappreżentanza tal-Kumpanija Valletta Management Services Ltd, u għal kwalunkwe interess li jista' jkollu Michael Cremona, u b'digriet tas-6 ta' Novembru 1996 Martin Portelli ġie kjamat fil-kawża**

1. Dan il-provvediment huwa dwar talba tas-soċjetà konvenuta *Valletta Management Services Limited* biex din il-qorti tħassar digriet mogħti fit-8 ta' Marzu 2011 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Superjuri, Ġurisdizzjoni Generali, li bih issejħet fil-kawża s-soċjetà *Eres B.V.* Il-fatti li wasslu għal dan l-episodju seħħew hekk:
2. F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni li ġarrbu meta l-attur Claudio Cassar korra f'inċident fuq il-post tax-xogħol. Inħatru periti ġudizzjarji u periti addizzjonali u dawn tal-aħħar kienu tal-fehma, kif jidher mir-relazzjoni tagħhom, illi, għalkemm il-biċċa l-kbira tal-ħtija taqa' fuq l-atturi stess u fuq persuni li ma humiex parti fil-kawża, madankollu għandhom iwieġbu wkoll il-konvenut Michael Cremona u Martin Portelli, imsejjaħ fil-kawża.
3. B'rikors tat-18 ta' Awissu 2009[1] l-atturi talbu li tissejjaħ fil-kawża s-soċjetà barranija *Eres B.V.* għar-raġuni illi "l-konvenuti *Valletta Management Services Limited* qegħdin jallegaw li l-kjamat fil-kawża Martin Portelli ma kienx impjegat tagħhom u li huma kienu qegħdin jaġixxu bħala mandatarji tal-kumpannija estera *Eres BV*". Għalkemm il-qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors, baqa' ma ġiex notifikat lil *Valletta Management Services Limited*. Minkejja dan il-qorti b'digriet tat-8 ta' Marzu 2011[2] laqgħet it-talba u ordnat is-sejħa fil-kawża.
4. Fid-19 ta' April 2011[3] *Valletta Management Services Limited* talbet li titħassar is-sejħa fil-kawża, billi hija ma kinitx notifikata bir-rikors relativ, u tingħata żmien biex twieġeb għar-rikors. L-ewwel qorti irriservat illi tipprovdi wara li tkun rat it-tweġiba ta' *Valletta Management Services Limited* għar-rikors.
5. It-tweġiba saret fis-27 ta' April 2011[4] u fiha *Valletta Management Services Limited* opponiet għat-talba għas-sejħa fil-kawża kemm għax it-talba saret wara illi kienu nstemgħu x-xhieda, saru r-relazzjonijiet peritali u l-kawża kienet ġà ġiet differita għas-sentenza, u kemm għax l-

[1] *Fol.* 470 tal-atti tal-ewwel qorti.

[2] *Fol.* 513 tal-atti tal-ewwel qorti.

[3] *Foll.* 520 *et seq.* tal-atti tal-ewwel qorti.

[4] *Foll.* 540 *et seq.* tal-atti tal-ewwel qorti.

interess tas-soċjetà li ntalbet is-sejħa tagħha fil-kawża kien ġà magħruf mill-atturi sa mill-bidu tal-kawża.

6. B'digriet tas-7 ta' Ottubru 2011, li minnu qiegħed isir dan l-appell, l-ewwel qorti ċaħdet it-talba ta' *Valletta Management Services Limited* għat-tħassir tas-sejħa fil-kawża u ordnat illi s-soċjetà msejħa fil-kawża tiġi notifikata bl-atti. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni ġew minnha mfissra hekk:

«… … … ma jidhirx li l-attur[i] … … … ma kellhomx [*recte*, kellhom] l-opportunità li jkunu jafu b'xi relazzjoni li setghet kellha din is-soċjetà estera mal-każ in eżami, meta ġew biex jintavolaw din il-kawża.

«… … … ukoll il-kjamata fil-kawża, a tenur tal-artikolu 961 tal-Kap. 12, tista' ssir "f'kull waqt tal-kawża qabel is-sentenza", u nfatti din it-talba saret żmien qabel ma l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza.

«… … … jidher, mill-provi li nġabru fil-kors tas-smigħ ta' din il-kawża, li l-istess soċjetà estera setgħet b'xi mod kienet involuta fil-fatti li wasslu għall-inċident mertu ta' din il-kawża.»

7. Wara li ngħatat is-setgħa li tagħmel hekk taħt l-art. 229(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili b'digriet tal-21 ta' Ottubru 2011, *Valletta Management Services Limited* [minn issa 'l quddiem "l-appellanti"] appellat minn din id-deċiżjoni b'rikors tas-26 ta' Ottubru 2011. L-aggravji tal-appellanti ġew minnha mfissra fil-qosor hekk:

«… … … l-ewwel qorti ma setgħetx tiddeċiedi fuq it-talba tal-atturi qabel tiġi notifikata l-esponenti u tagħtiha l-opportunità li twieġeb, u *inoltre* l-ewwel qorti kienet żbaljata meta qalet li l-atturi ma kellhomx l-opportunità li jkunu jafu bis-soċjetà estera meta ġew biex jippreżentaw il-kawza, u f'kull każ … … … it-talba tal-atturi ma kienx jistħoqqilha li tiġi akkolta u għalhekk is-soċjetà estera ma kellhiex tiġi kjamata fil-kawża.»

8. Għandu jingħad ukoll illi, għalkemm l-appellanti fir-rikors tal-appell tagħha talbet illi din il-qorti "jogħġobha tirrevoka u tħassar id-digriet mogħti mill-Qorti tal-

Maġistrati (Għawdex) Superjuri fil-21 ta' Ottubru 2011 … li bih laqgħet it-talba għall-kjamata fil-kawża tas-soċjetà estera *Eres BV*", id-digriet li riedet tappella minnu huwa dak tas-7 ta' Ottubru 2011 u mhux dak tal-21 ta' Ottubru 2011, li kien dak li ta lill-appellanti s-setgħa taħt l-art. 229(3) li tappella f'dan l-istadju tal-kawża. Għalhekk l-appellanti għamlet talba għall-korrezzjoni relativa fir-rikors tal-appell u din il-qorti b'digriet tal-5 ta' Marzu 2011 laqgħet it-talba.

9. Dan mela huwa appell mid-digriet tas-7 ta' Ottubru 2011.

10. L-atturi wieġbu fl-14 ta' Novembru 2011 u fissru għala, fil-fehma tagħhom, l-appell għandu jiġi miċħud. Martin Portelli, imsejjaħ fil-kawża, ukoll wieġeb fl-14 ta' Novembru 2011. Fit-tweġiba tiegħu Martin Portelli, barra milli fisser ir-raġunijiet tiegħu għala l-appell għandu jiġi miċħud, ressaq ukoll l-eċċezzjoni illi r-rikors tal-appell huwa null għax appell bħal dan seta' jsir mhux f'dan l-istadju iżda biss flimkien ma' appell mis-sentenza definittiva.

11. Waqt is-smigħ tal-appell fil-5 ta' Marzu 2012 l-appellanti talbet korrezzjoni oħra fir-rikors tal-appell (barra minn dik imsemmija fuq dwar id-data tad-digriet appellat) fis-sens illi fl-*occhio* jsiru ż-żjidiet meħtieġa biex jirriflettu l-fatt (1) illi b'digriet tat-23 ta' Jannar 1997 l-Avukat Mario Scerri nħatar kuratur deputat biex jidher għal Martin Portelli, u (2) illi b'digriet tat-8 ta' Marzu 2011 issejħet fil-kawża l-kumpannija estera *Eres B.V.* li tidher għaliha l-appellanti bħala mandatarja. Is-smigħ imbagħad ġie differit għallum għall-provvediment fuq l-eċċezzjoni ta' nullità u fuq it-talbiet għall-korrezzjoni.

12. Nibdew bit-talbiet għall-korrezzjonijiet fl-*occhio* fir-rikors tal-appell. Dawn huma korrezzjonijiet li din il-qorti għandha s-setgħa taħt l-art. 175(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili illi tordna li jsiru.

13. Tassew illi b'digriet tat-23 ta' Jannar 1997[5] l-Avukat Mario Scerri nħatar kuratur biex jidher għall-assenti Martin Portelli, u tassew ukoll illi b'digriet tat-8 ta' Marzu 2011[6] issejħet fil-kawża l-kumpannija estera *Eres B.V.* Għandhom għalhekk isiru ż-żjidiet biex jirriflettu dawn il-fatti.

14. Il-qorti iżda ma taqbilx illi fl-*occhio* għandu jingħad ukoll illi għas-soċjetà msejħa fil-kawża tidher l-appellanti bħala mandatarja. *Eres B.V.* hija soċjetà belġjana, domiċiljata f'pajjiż tal-Unjoni Europeja u li huwa fl-ispazju ġudizzjarju ewropew. Għalhekk ma tistax titqies assenti u ma għandha ebda ħtieġa ta' rappreżentanza.[7]

15. Il-qorti għalhekk tipprovdi billi fl-*occhio* tar-rikors tal-appell, u tat-tweġibiet relativi, wara l-kliem "Martin Portelli ġie kjamat fil-kawża" jidħol il-kliem "u b'digriet tat-23 ta' Jannar 1997 l-Avukat Mario Scerri nħatar kuratur deputat biex jidher għal Martin Portelli assenti minn dawn il-Gżejjer; u b'digriet tat-8 ta' Marzu 2011 issejħet fil-kawża l-kumpannija estera *Eres B.V.*".

16. Ngħaddu issa għall-eċċezzjoni ta' nullità. Din l-eċċezzjoni hija msejsa fuq l-art. 229(1)(*k*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħid hekk:

**229.** (1) Appell minn dawn id-digrieti li ġejjin jista' jsir biss wara l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza, u dawn id-digrieti ma jistgħux jiġu kontestati qabel ma tingħata s-sentenza definittiva:

… … …

(*k*) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għar-revoka jew emenda ta' digriet, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu;

17. Il-kwistjoni hija jekk id-digriet tas-7 ta' Ottubru 2011 huwiex digriet li laqa' t-talba għas-sejħa fil-kawża ta' *Eres B.V.*, kif tgħid l-appellanti fir-rikors tal-appell, jew huwiex digriet li ma laqax it-talba għar-revoka tad-digriet

---

5 *Fol*. 159 tal-atti tal-ewwel qorti.

6 *Fol*. 513 tal-atti tal-ewwel qorti.

7 Regolament 1393/2007 Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007.

preċedenti tat-8 ta’ Marzu 2011, li kien laqa’ t-talba għas-sejħa fil-kawża qabel ma l-appellanti kienet notifikata bir-rikors relativ.

18. Il-parti dispożitiva tad-digriet appellat tgħid hekk:

«Tiċħad … it-talba tas-soċjetà *Valletta Management Services Limited* għar-revoka tad-digriet tagħha tat-8 ta’ Marzu 2011 fejn laqgħet it-talba tal-attur għall-kjamata fil-kawża tas-soċjetà estera msemmija.
«Għaldaqstant filwaqt illi tikkonferma l-istess digriet tagħha, u peress li jidher li s-soċjetà estera *Eres BV* għandha s-*sede* uffiċjali tagħha f’pajjiż tal-Unjoni Ewropea, tordna n-notifIka ta’ din iċ-ċitazzjoni lill-istess soċjetà estera skond il-liġi.»

19. Jidher ċar minn dan il-kliem illi d-digriet li ordna s-sejħa fil-kawża kien dak tat-8 ta’ Marzu 2011; li għamel id-digriet tas-7 ta’ Ottubru 2011 kien li jiċħad talba għat-tħassir tad-digriet tat-8 ta’ Marzu 2011.

20. Id-digriet tas-7 ta’ Ottubru 2011, għalhekk, ma huwiex appellabbli f’dan l-istadju, u jista’ jsir appell minnu biss wara l-għoti tas-sentenza definittiva u flimkien ma’ appell minn dik is-sentenza. L-appell tallum ma setax isir; Il-qorti għalhekk ma tqisux u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

21. L-ispejjeż ta’ dan l-episodju tħallashom is-soċjetà appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------